MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 323/2009

Peter **Grima (ID 613456M) u Annamaria Grima (ID 207061M)**

**vs**

**Nazzareno sive Ronnie Xerri**
**(ID 544256M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat fit 2 ta' Settembru 2009 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' hamest elef, tmien mija u tlieta u ghoxrin Euro u hamsin centezmu (€5,823.50) rappreentanti prezz pattwit ta' form industrijali u magna industrijali li tiftah l-ghagin, debitament mibughin mill-intimat lill terzi ghan-nom tar-rikorrenti, skond kif ikkonfermat mill-intimat stess, liema somma ghadu ma raddhiex lir-rikorrenti ghalkemm gie fdata lill-intimat l-inkariku li jigbor ir-rikavat minn tali bejgh.

Bl-imghax bl-oghla rata tal-ligi mit-2 ta' Gunju 2009 u bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali u tal-proceduri odjerni.

Rat ir-risposta ta' Nazzareno Xerri ppresentat fl-4 ta' Novembru 2009 fejn l-intimat laqa' ghal dak lilu imputat billi sahaq, fl-ewwel lok, illi r-rikorrenti kienet staqsiet lill Anna Maria Grima sabiex tbiegh iz-zewgt magni tal-catering peress illi ma kienx ghad fadallha uzu taghhom filwaqt li insista li ma kien hemm ebda qbil illi jinbieghu ghal-prezz ta' €5,823.50. L-intimat sahaq li kien minnu illi huwa kien dahal fi trattattivi ghal bejgh ta' l-oggetti ma terzi u dana kien hadhom, izda irrizulta li dana il-persuna ha l-oggetti izda qatt ma hallas ghalihom. Madanakollu, huwa stqarr li kien disposta li jhallas il-prezz rejali ta' dawn l-ogetti, liema fatt huwa a konoxxenza tar-rikorrent li, izda, ma accettawx tali offerta. Finalment, l-intimat sahaq lli l-ammont reklamat kien wiehed esagerat peress illi l-prezz pretiz huwa ta' oggetti godda filwaqt illi dawna kienu 'second hand' u kienu jinbieghu bi prezz ferm anqas minn dak pretiz.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ l-intimat ppresentata fit 2 ta’ Marzu 2011 fejn sahaq illi l-atturi ma kellhomx l-interess guridiku, legittimu, dirett u attwali biex jipprocedu bil-kawza odjerna peress illi l-oggetti meritu tal-kawza odjerna huma propjeta’ tas-socjeta Pekara Limited.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Peter Grima** u **Annamaria Grima** ippresentati fis 27 ta’ Jannar 2010 flimkien ma dokumentazzjoni minnhom esebita.

Rat l-affidavit ulterjuri tar-rikorrenti Peter Grima w Annamaria Grima ippresentati fil 5 ta’ Mejju 2010 u dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit 18 ta’ Novembru 2011 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

Semghet ix-xhieda ta’ **Adrian Cutajar**, rappresentant tas-socjeta ECB Hotel and Caterers Limited, mogthija fit 23 ta’ Marzu 2012, li xehed illi l-apparat meritu tal-kawza odjerna kien inxtara minn Pekara Limited.

Rat l-affidavit ta’ **Nazzareno Xerri** ippresentat fit 23 ta’ Marzu 2012.

Semghet ix-xhieda ta’ **Anthony Pace**, rappresentant tas-socjeta Philip Pace & Sons Limited, moghtija fit 18 ta’ Mejju 2012li xehed dwar id-deterjorament ta’ apparat industrijali tal-hobz u l-valur attwali taghhom.

Semghet il-kontro-ezami ta’ l-intimat illi sar fil 15 ta’ April 2013.

Semghet il-kontro ezami ta’ Adrian Cutajar illi sar fl-24 ta’ Mejju 2013 u fl-1 ta’ Lulju 2013.

Rat illi fl 1 ta’ Lulju 2013 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jjippresenta.

Rat in-nota ta’ sottomisjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fit 12 ta’ Novembru 2013.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijet ta’ l-intimat ippresentat fit 3 ta’ Marzu 2014.

Rat illi fit 3 ta’ Marzu 2014 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-fatti prodotti quddiem dina l-Qorti, jirrizulta illi Anna Maria Grima kellha fil-pusess taghha numru ta’ apparat industrijali illi kien qieghed jintuza precedentement gewwa negozju fil-qasam tal-catering illi hija kellha. Mument minnhon, saret taf illi l-intimat, Nazzareno sive Ronnie Xerri kien jinnegozja fil-bejgh ‘second hand’ ta’ apparat industrijali tal-catering, u ghalhekk kienet avvicinatu bil-ghan illi jara jekk setax isib bejgh ta’ l-oggetti. Ir-rikorrent, kif jidher f’dak AG1 a fol19 tal-process, ghamlet lista intitolata “Equipment taken by Ronnie Xerri to be sold on behalf of Pekara”, liema lista tghaddi biex telekna l-oggetti illi huwa ha bil-valur li hija kienet qed tippretendi.
Jirrizulta illi, mument minnhom, is-socjeta illi kienet originalment bieghet dawna l-magni, ECB Hotel and Catering Limited, bdiet tigri wara ir-rikorrenti Annamaria Grima, ghall hlasijiet u dina, minn naha taghha, bdiet tigri wara l-intimat Xerri ghal indikazzjoni jekk l-affarjiet inbieghux.

Jirrizulta illi Xerri kien indikalha li kien sab bejgh ta' l-oggetti, versu prezz ferm ridott minn dak rikjest minnha, izda l-hlas kien ghadu ma giex peress illi min kien hadhom kien ghadu ma hallsux. Sussegwentement, ir-rikorrenti marru jippruvaw jikkuntatjaw lill-intimat direttament izda ma sabuhx u ghalhekk ipprocedew bil-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Waqt l-andament tal-kawza, l-intimat ressaq eccezzjoni ulterjuri fejn sahaq illi r-rikorrenti ma kellhomx l-interes guridku fil-kaz odjern peress illi hareg mill-provi tar-rikorrent stess illi l-apparat kien propjeta tas-socjeta Pekara Limited u mhux tar-rikorrenti.

Jisthoqq, ghalhekk, illi dina l-Qorti tikkunsidra dina l-eccezzjoni qabel ma tghaddi biex tikkonsidra f'aktar dettal il-fatti tal-kaz.

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrenti, partikolarment it-tieni affidavit taghhom, illi l-oggetti meritu tal-kawza odjerna kienu qed jintuzaw mis-socjeta Pekara Limited, li kienet socjeta illi r-rikorrenti Annamaria Grima kienet fethet flimkien ma certu Bojan Nikolic (illum mejjet). Ir-rikorrenti jishqu ilil tali apparat kien inxtara mir-rikorrent Peter Grima ghas-socjeta Pekara Limited u, meta dina l-kumpannija kienet ghaddejja minn diffikulta, ir-rikorrenti Annamaria Grima irrizenjat mill-kumpannija u ghaddiet l-ishma kollha taghha lill-istess Bojan Nikolic. Madanakollu, dejjem kif jghidu ir-rikorrenti, peress illi dana Nikolic, li ma jistax jixhed peress illi miet, kien konxju tal-fatt li l-ogetti inxtraw mir-rikorrent Peter Grima, huwa baqa' jopera l-attivita kummercjali bil-ghan illi jithallsu id-djun izda, meta evntwalment l-oeprazzjoni twaqqfet ghal kollox, l-apparat ittiehed fil-garage tar-rikorrent.

Jirrizulta mix-xhieda ta'Adrian Cutajar, rappreentant tas-socjeta ECH Hotel and Caterers Limited, illi l-apparat kollu illi kien intuza mis-socjeta Pekara Limited kien attwalment inxtara mill-istess Pekara Limited u mhux, kif qieghdin jghidu ir-rikorrenti, minn Peter Grima, u jirrizulta wkoll illi tali kumpannija ghad fadallha tiehu ammont konsiderevoli ta' flus ghall-apparat industrijali li kien inbiegh minnha lis-socjeta Pekara Limtied.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-intimat, illi, mument minnhom, Annamaria Grima kienet iccempel ta' spiss lill intimat u theggu sabiex isib il-bejgh ta' l-oggetti peress illi nies mis-socjeta ECB Hotel and Catering Limited kienu qed jigru warajha ghal hlas.

**Ikkunsidrat**

B'risposta ghall-eccezzjoni imressqa mill-intimat dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti, ir-rikorrenti qajjmu, bhala argument, il-fatt illi huma kienu qed jagixxu abbazi tat-titolu 'actio debitor debitoris mei', peress illi kien hemm ftehim mas-socjeta Pekara Limited li ir-rikavat tal-bejgh ta' l-oggetti kellu jmur ghas-sodisfazzjoni tal-kreditu taghhom versu l-istess socjeta, u ghalhekk kellhom dritt illi jagixxu gudizzjalment kontra l-konvenut.
Dwar l-elementi ta' l-azzjoni 'actio debitor debitoris mei', il-Qorti taghmel referenza ghal dak miktub fil-ktieb '**L-Alfabet tal-Kodici Civili - Vol A**' ippubblikat mill-Imhallef Philip Sciberras, fejn intal is-segwenti:

*" L-elementi ta' l-actio debitor debitoris mei huma:*

*a. Li l-attur ikun tassew kreditur tad-debitur*
*b. Li l-kreditu huwa wiehed fattwali u mhux kundizzjonat jew potenzjali*
*c. Li d-debitur ikollu jedd, ta' natura patrimonjali u miftuh ghalih kontra d-debitur tieghu.*
*d. Li l-attur irid juri li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma jimpurtahx, li bl-ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu;*
*e. Li l-attur irid juri li, bin-nuqqas ta' agir f'waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur.*
*f. F'kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, l-attur irid jipprova wkoll li d-debitur tieghu ghandu kontra t-terz debitur."*

Apparti minn hekk, kif sahqet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr Giuseppe Maria Camilleri et vs Luigi Spiteri Debono** deciza fis 17 ta' Marzu 1955,

> *"huwa ormaj pacifiku illi, biex tigi ezercitata utilment l-azzjoni surrogatorja, hija indispensabbli l-presenza tad-debitur fil-kawza. diversament, il-gudizzju ma jkunx integru u jkun ghalhekk irritwali."*

**Ikkunsidrat**

Fil-kaz odjern, jirrizulta ippruvat oltra kull dubju illi s-socjeta Pekara Limited kienet attwalment is-socjeta illi kienet xtrat l-apparat industrijali illi eventwalment inghaddew lill-intimat sabiex jinbieghu.

Jirrizulta wkoll illi ir-rikorrenti Annemarie Grima qatt ma tat indikazzjoni lill-intimat illi l-oggetti ma kienux taghha izda kienu tas-socjeta Pekara Limited, gahlkemm jigi nnutat illi fuq id-dokument, li ghal ragunjiet illi taf biha ir-rikorrent Annamaria Grima biss, tikkonsisti f'pagna A4 mqatta fin-nofs taghha, b'indikazzjoni cara illi kien hemm xi haga ohra indikat f'tali karta li ir-rikorrenti ma tridx il-Qorti tara, hemm imnizzel b'mod car "Equipment taken by Ronnie Xerri to be sold on behalf of Pekara"

Jirrizulta illi s-socjeta Pekara Limited hija socjeta illi fiha ir-rikorrenti ma ghandhom assoltament ebda interess, peress illi Annamarie grima kienet bieghet is-sehem taghha u kienet irrizenjat minn kull involviment fiha, u tali socjeta qatt ma kienet tifforma parti mill-proceduri odjerni.

Finalment, mill-provi kollha prodotti, imkien ma jirrizulta illi s-socjeta Pekara Limited qatt giet ikkjamata in kawza fil-procedrui odjerni u/jew qatt iffurmaw parti minn tali proceduri.

Ghalhekk, l-eccezzjoni ulterjuri ta' nuqqas ta' interess guridiku tirrizulta.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda.

Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonjiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjoni ta' l-intimat dwar nuqqas ta' interess guridiku, legittimu, dirett u attwali da parte tar-rikorrenti u, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjuzzjoni ulterjuri ta' l-eccezzjonjiet l-ohra imqajjma mill-intimat.

**Tichad** it-talbiet attrici kollha

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikrorenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------